MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2015

Numru. 143/2006

**Il-Pulizija**

**(Assistent Kummissarju Norbert Ciappara)**

**vs**

**Tania Calleja**

**(ID 264469(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputata Tania Calleja ta' 36 sena, imwielda Pieta` fis-16 ta' Lulju 1969, mart il-mejjet Joseph Calleja, bint Joseph u Mari Louise nee` Sciberras, residenti 71, Triq l-Isqof Scicluna, Qormi, detentrici tal-karta tal-identita` bin-numru 264469(M):

a) Akkuzata talli fit-12 ta' Jannar 2006, forniet jew ipprokurat jew offriet li tforni jew li tipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellha licenza mill-President ta' Malta u minghajr ma kienet awtorizzata bir-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li tforni d-droga u minghajr ma kienet fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellha licenza jew kienet xort'ohra awtorizzata li timmanifattura jew tforni d-droga msemmija u minghajr ma kellha licenza li tipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regola tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Kellha fil-pussess taghha d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinitx bil-licenza jew xort'ohra awtorizzata li timmanifattura jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kinitx b'xi mod iehor bil-licenza tal-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolamenti tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li d-droga msemmija ma kinitx ghall-uzu esklussiv taghha;

c) U aktar talli fit-12 ta' Jannar 2006, bhala persuna li mhix impjegata fil-habs, il-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, minghajr l-awtorita` legittima

> dahlet jew ippruvat iddahhal f'xi parti tal-konfini tal-habs xi oggett ikun li jkun li huwa pprojbit skond xi regolamenti maghmula skond dan l-Att, jew iggorr jew tipprova iggorr xi oggett bhala dak barra minn xi habs u dan bi ksur tal-Artikolu 7 u 7(a) tal-Kap. 260 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputata thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-Ordni ta' l-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex dan il-kaz jinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, kif ukoll il-kunsens tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kap. 9, sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat illi waqt l-ezami taghha ai termini tal-Artikoli 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputata wiegbet illi m'hijiex hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha;

Rat illi fis-seduta tas-27 ta' Settembru 2013, il-partijiet iddikjaraw li kienu qed jezentaw lill-Qorti kif preseduta, milli terga' tisma' mill-gdid il-provi mismugha sa dakinhar quddiem il-Qorti, kif diversament preseduta;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar Htija</u>**

F'dawn il-proceduri xehed **CO 171 Paul Borg Bonaci**[1] li qal illi fil-jum in kwistjoni, huwa kien stazzjonat gewwa s-sezzjoni tad-Debituri, fejn Tania Calleja hadet xi ikel lil Marco Pace. Qal illi wara li telqet, huwa spezzjona dan l-ikel u sab li fit-tigiega kien hemm zewg pakketti suspettuzi. Qal ukoll illi dak il-hin, Calleja kienet ilha xi kwarta li telqet. Ix-xhud qal ukoll illi dakinhar stess huwa ghamel rapport bil-miktub dwar l-akkadut, liema rapport gie pprezentat minnu. Fl-istess rapport[2], li jgib id-data tal-jum li fih sehh l-incident, CO 171 jghid illi dakinhar huwa kien xoghol gewwa s-sezzjoni tad-debituri meta mara ta' madwar 36 sena, marret b'ikel ghall-prigunier Marco Pace. Ma kienx jaf x'jisimha ghaliex id-dettalji tal-persuni li jidhlu jittiehdu fil-bieb, izda kien jaf li hija tghid li hija z-zija ta' Pace. Fil-basket li hadet maghha din il-mara, kien hemm hobza, *jelly* ahmar, kontenitur tal-*plastic* b'erba' *doughnuts* fih u kontenitur iehor tal-*plastic* li fih kien hemm zewg koxox ta' tigieg bl-ispalla b'kollox, patata l-forn u hames zalzett. Dawn kienu msajjrin bil-*breadcumbs* u l-ebda parti mil-laham tat-tigieg ma kien jidher. Fil-presenza ta' din il-mara, huwa qalleb l-oggetti li gabet. Wara li telqet, huwa dahhal dawn l-affarijiet gewwa u ha permess minghand il-Maggur Fabri biex jerga' jfittex fl-ikel, b'dan illi din id-darba, huwa qasam it-tigieg u mohbija sew bejn il-koxxa u l-ispalla huwa ra li kien hemm xi haga fl-*istretch and seal*. Ghamel l-istess bil-bicca tat-tigiega l-ohra u sab l-istess. Huwa nforma b'dan lis-superjuri tieghu u ftit wara mar is-Surgent Toni Cutajar li ha dawn iz-zewg pakketti.

**PS 1404 Anthony Cutajar** xehed[3] illi fil-jum in kwistjoni, huwa kien gie infurmat min-naha tad-debituri illi waqt li CO 171 kien qed jaghmel tfittxija, huwa sab xi boroz tal-*plastic* gewwa tigiega. Huwa mar gewwa din is-sezzjoni u ra platt u CO 171 qallu li kienet marret Tania Calleja bl-ikel ta' Pace. Qallu wkoll illi dak il-hin fittex fl-ikel u ma sab xejn, izda wara dahallu dubju u kellem lill-Maggur biex jerga' jaghmel it-tieni tfittxija fl-ikel. Meta qasam il-koxox tat-tigieg min-nofs, sab zewg boroz mimlijin bi trab suspettuz. Dawn gew mghoddija lix-xhud sabiex huwa jkun jista' jghaddihom lill-espert tal-Qorti. In kontro-ezami, ix-

---

[1] A fol. 25 *et seq* tal-process.
[2] Esebit a fol. 28 tal-process.
[3] A fol. 22 *et seq* tal-process.

xhud qal illi Calleja marret bl-ikel ghall-habta tad-9.15 a.m. u mistoqsi x'hin kien meta lil CO 171 dahallu dan id-dubju u allura rega' fittex fl-ikel, ix-xhud qal illi skond CO 171, dan mill-ewwel mar ghand il-Maggur li qallu biex jaghmel it-tieni tfittxija. Qal li ghalhekk ma kienx ghadda hafna hin u li kienu ghaddew forsi hames jew ghaxar minuti. Ix-xhud ikkonferma illi t-tieni tfittxija ma saritx fil-presenza ta' Calleja ghaliex kienet diga` telqet minn fuq il-post. Ix-xhud **PC 85 Cyril Butters** ukoll xehed dwar dak li kien intqal lilu minn CO 171.[4]

Xehed ukoll l-**Ispettur** (illum Assistent Kummissarju) **Norbert Ciappara**[5] li qal illi fil-jum in kwistjoni, bhala Spettur li kien *duty officer* fl-Iskwadra kontra d-Droga, gie infurmat illi l-ufficjali tal-habs kienu sabu sustanza suspettata droga f'xi ikel li kien ittiehed minn certa Tania Calleja lid-detenut Marco Pace u dan wara li hija kienet telqet. Sussegwentement, huwa kompla bl-investigazzjoni u kellem lill-istess Tania Calleja, li cahdet u nnegat li kienet ghamlet xi droga gewwa l-ikel li kienet hadet lin-neputi taghha Marco Pace. Ghalkemm huwa qal illi kien ser jipprezenta l-istqarrija tal-imputata, madankollu, din baqghet ma gietx prezentata.

Fl-inkjesta li saret dwar dan il-kaz, il-Magistrat Inkwirenti hatar fost ohrajn, lill-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut sabiex jaghmel analizi tas-sustanza in kwistjoni li, fir-relazzjoni tieghu esebita fl-atti tal-process verbal[6] u kkonfermatha minnu f'dawn il-proceduri[7], ikkonkluda illi fl-estratti mehuda mit-trab kannella li kien f'zewg boroz, instabet is-sustanza eroina. Il-piz tat-trab kien ta' 8.93 grammi u l-purita` kienet ta' cirka 3%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

[4] A fol. 29 *et seq* tal-process.
[5] A fol. 18 *et seq* tal-process.
[6] A fol. 6 *et seq* tal-process verbal, esebit a fol. 17 tal-process.
[7] A fol. 34 tal-process.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Il-Qorti tinnota fl-ewwel lok illi ghalkemm fix-xhieda tieghu, l-Ufficjal Prosekutur jghid illi huwa kellem lil Calleja li cahdet u nnegat illi kienet ghamlet xi droga gewwa l-ikel li kienet hadet lin-neputi taghha Marco Pace, ma jirrizultax minn din ix-xhieda f'liema stadju ntqal dan id-diskors mill-istess Calleja lill-istess Ufficjal Prosekutur ossia jekk hux qabel hija nghatat it-twissija skond il-ligi li kellha d-dritt li tibqa' siekta jew wara u ghaldaqstant, il-Qorti m'hijiex ser tiehu konjizzjoni ta' din il-parti tax-xhieda tal-Ufficjal Investigatur.

Il-Qorti tinnota wkoll illi x-xhud ewlieni tal-Prosekuzzjoni ossia CO 171 Paul Borg Bonaci, fil-waqt illi fix-xhieda tieghu, jsemmi lil Tania Calleja bhala l-persuna li dahhlet l-ikel mertu tal-kaz, mir-rapport tieghu esebit minnu stess, jirrizulta illi fil-jum in kwistjoni, huwa ma kienx jaf x'jisimha din il-persuna, ghalkemm jghid li kien kapaci jaghrafha u dan ghaliex skond hu, id-dettalji tal-persuni li jidhlu fis-sezzjoni tad-debituri, jittiehdu mal-bieb. F'dawn il-proceduri u fix-xhieda tieghu, l-istess Ufficjal tal-Habs fl-ebda hin ma gie mitlub jikkonferma jekk kienx qieghed jaghraf lill-imputata bhala l-persuna li kien irrefera ghaliha fir-rapport tieghu. Mill-bqija, ix-xhieda kollha li tressqu mill-Prosekuzzjoni jixhdu fuq kliem haddiehor, ossia dwar dak li qalilhom l-istess CO 171, ghaliex hadd minnhom ma kien prezenti fil-mument li l-ikel thalla fis-sezzjoni tad-debituri. Ghalhekk ma ttella' l-ebda xhud li identifika u gharaf lill-imputata odjerna bhala l-persuna li effettivament dahhlet l-ikel in kwistjoni gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin. Imbaghad, kif diga` inghad, l-istqarrija tal-imputata baqghet ma gietx esebita f'dawn il-proceduri. Ghaldaqstant, il-Qorti ma tistax tasal lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni illi l-imputata odjerna kienet il-persuna li dahhlet l-ikel in kwistjoni gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin.

F'dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti ma tqisx illi l-imputazzjonijiet odjerni gew sodisfacentement ippruvati fil-grad rikjest mil-ligi.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed issib lill-imputata mhux hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u qeghda tilliberaha minnhom.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita fl-atti tal-process verbal dwar dan il-kaz, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta’ din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni. Dan sakemm fi zmien hamest ijiem mil-lum, l-Ufficjal Prosekutur ma jinformax lil din il-Qorti, permezz ta’ nota, illi huwa necessarju illi din id-droga tigi prezervata ghal skop ta’ xi proceduri ohrajn kontra terzi, b’dan illi f’dan il-kaz, ir-Registratur ghandu jirrapporta lil din il-Qorti, b’verbal, meta din id-droga tkun giet hekk distrutta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------